Kunsill Lokali Żebbuġ - Għawdex
Triq il-Knisja, Żebbuġ
Nru. tat-Telefon:- 21563056 Nru. tal-Fax:- 21563322
E-mail:- zebbug.gozo.lc@gov.mt Website:- zebbuggozo.com

# AVVIŻI MILL-KUNSILL LOKALI TAŻ-ŻEBBUĠ

## ĦARĠA KULTURALI GĦAL MALTA

Fuq suġġeriment ta' xi residenti biex qabel ma tibda l-iskola norganizzaw ħarġa kulturali billi f' dan iż-żmien ikunu jistgħu jipparteċipaw magħna u fid-dawl li s-sħana tat-temp diġa bdiet tbatti, ser norganizzaw ħarġa kulturali nhar l-Erbgħa 14 ta' Settembru 2011. Diġa għandna konferma li ser norganizzaw quddiesa fis-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja Ħaż-Żabbar kif ukoll ser inżuru l-mużew tant interessanti li hemm f'dan is-santwarju. Ser tkun għadha kif tkun għaddiet il-festa ta' Ħaż Żabbar pero' nfurmati li l-istatwa tal-Madonna tal-Grazzja ser tkun għadha barra. Barra minhekk sakemm infasslu l-programm min ikollu xi suġġeriment għal din il-ħarġa huwa ġentilment mitlub ikellem lis-Sindku jew jikkuntattja lil Kunsill fuq 21563056. Ser niltaqgħu fi Pjazza l-Assunta biex nitilqu fis-6.45a.m. għal mall-vapur tas-7.30a.m. Dettalji u programm jitqassmu lil kull parteċipant/a fil-bidu tal-ħarġa. Kull min ser jipparteċipa huwa ġentilment mitlub jinkiteb il-Kunsill jew iċempel fuq 21563056 sa nhar it-Tnejn 12 ta' Settembru 2011. Nawguraw ħarġa oħra kulturali, divertenti u sabiħa lill-parteċipanti kollha.

## ĦARĠA GĦAL *BUMPING CARS*

Qabel ma titlaq il-*bumping cars* irranġajna ħarġa oħra lit-tfal tal-lokalita' tagħna. Għalhekk nhar il-Ġimgħa 9 ta' Settembru 2011 ser niltaqgħu fi Pjazza l-Assunta fil-5.30p.m. biex immorru lejn Marsalforn u nagħmlu siegħa logħob bejn is-6.00p.m. u s-7.00p.m. Ir-residenti ta' Marsalforn, Qbajjar u Xwejni huma ġentilment mitluba jiġu mal-ewwel l-*parking* ta' Marsalforn għal din l-attivita'. Għandna żmien sa nhar l-Erbgha 7 ta' Settembru 2011 biex wieħed jinkiteb u jista' jagħmel dan fuq in-numru 21563056. Tfal żgħar iridu jkunu taħt is-superviżjoni ta' adult biex jipparteċipaw f' din l-attivita'.

## MIX-XOGĦLIJIET LI QEGĦDIN INWETTQU

Kif ħabbarnilkom fl-aħħar sett ta' avviżi l-Kunsill Lokali approva l-manutenzjoni ta' Triq Għajn Mhelhel, Triq tal-Ħamra kif ukoll Triq is-Sagħtrija. Wara li lestejna Triq Għajn Mhelhel u nisperaw li sa ma taqraw dawn l-avviżi tkun lesta t-Triq tal-Ħamra ser immorru għal Triq is-Sagħtrija. Ta' min jinnota li ġewwa Marsalforn il-Kumitat Amministrattiv qiegħed jagħti manutenzjoni lil Triq Santa Marija ħdejn il-*promenade* kif ukoll naddaf it-triq qrib il-*parking* ħdejn il-wied ta' Marsalforn. Barra minhekk din il-ġimgħa l-kuntrattur ħa l-kejl tal-*partitions* ġewwa l-Berġa biex issa li twaħħal il-bieb u qegħdin biex inwaħħlu l-irħam ta' taħt il-bieb fil-ġejjieni qrib inkunu nistgħu noffru s-servizz lir-residenti tagħna minn dan il-post.

## EKU TAL-FESTA TA' SANTA MARIJA

Il-Kunsill Lokali jrid jifraħ u jaqsam is-sodisfazzjon mal-Parroċċa Santa Marija kif ukoll id-diversi għaqdiet u organizzazzjonijiet li pparteċipaw għas-suċċess li wettaqna bil-Festa li organizzajna flimkien lill-Padruna tagħna u ta' artna Santa Marija Assunta Nkurunata. Nappellaw biex dak li wettaqna u li jagħmel ĠIEH lill-lokalita' tagħna nkomplu nwettquh għaż-żmien li ġej.

## TALENT SHOW MARSALFORN FUQ IZ-ZUNTIER TAL-KNISJA TA' SAN PAWL

Il-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn flimkien mal-komunita' tal-Knisja ta' San Pawl Marsalforn ser jorganizzaw TALENT SHOW fuq iz-zuntier tal-knisja nhar is-Sibt 3 ta' Settembru 2011 mit-8.30p.m. il-quddiem. Minn dawn l-avviżi nappellaw lir-residenti u ħbieb tagħna biex nattendu u nagħtu s-sapport lill-organizzaturi ta' dan is-Show.

**Kunsill Lokali taż-Żebbuġ**
Kav. Carmelo Saliba - Sindku
Joe Bajada – Deputat Sindku
Kunsilliera – Joseph Camilleri,
Harry Debono, Victor Refalo

**Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn**
Maria Saliba - Chairperson
Emmanuel Debono – Viċi Chairman
Membri tal-Kumitat – George Sacco,
Joseph Zammit, Victor Refalo

**Il-Ħamis, 1 ta' Settembru 2011** **Nru. 14/2011**